MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 673/2007

**Alfred Fenech**

**vs**

**Auto Sales Limited**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat ta’ Alfred Fenech datat 21 ta’ Gunju 2007 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi fil-11 ta’ Dicembru 2003, l-esponenti xtara karozza Mercedes Benz E Class, numru tar-registrazzjoni KBF 914
minghand is-socjeta’ konvenuta versu l-prezz ta’ hamsa u erbghin elf lira (LM45,000).

Illi fl-ewwel granet ta’ Frar, 2007, l-esponenti induna illi f’xi bnadi fl-ispray tal-karozza kien hemm bziezaq zghar (qisu ramel taht l-ispray) u meta xi granet wara, ha l-istess karozza ghas-*service* ghand l-istess socjeta’ konvenuta, huwa talabha tinvestiga jekk kienx hemm problema. Is-socjeta’ konvenuta gharfet lill-attur illi rrizulta li dan kien sadid fil-metall tal-karozza (taht l-*ispray)* u rrizulta illi din il-problema kienet mifruxa mal-karozza billi taht it-tapezzerija li giet maqlugha mill-impjegati tal-istess socjeta’ konvenuta, nstabet l-istess problema.

Illi dan id-difett mohbi jaghmel il-karozza mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba u li jnaqqas daqshekk il-valur taghha illi l-esponenti ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar li kieku kien jaf b’dan id-difett.

Illi l-esponenti kiteb lis-socjeta’ konvenuta u wara li gibdilhom l-attenzjoni ghal dan id-difett mohbi, talabhom lura l-prezz minnu mhallas jew li jinghata karozza gdida bla difetti.

Illi bejn il-partijiet bdew negozjati; filwaqt illi s-socjeta’ konvenuta accettat li kien hemm difett fil-pjanci tal-karozza, huma offrew biss illi jittrattaw il-pjanci u jisprejjaw mill-gdid il-karozza. Dan ma kienx accettabli ghall-attur billi huwa baqa’ jsostni illi l-pjanci metallici tal-karozza kienu difettuzi u l-offerta tas-socjeta’ konvenuta kienet wahda temporanja u mhux wahda li telimina d-difett.

Illi l-partijiet baqghu isostnu l-pozizzjoni taghhom u ghalhekk, wara li l-esponenti radd lura l-karozza billi ddepozitaha taht l-awtorita’ tal-Qorti, qed jigi l-quddiem bl-azzjoni redibitorja.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Prevja li din il-Qorti tistabbilixxi u tiddikjara, jekk hemm bzonn permess ta’ periti nominandi, illi fid-data tal-bejgh il-karozza Mercedez Benz Class E, numru ta’ registrazzjoni KBF 014 kellha difett li ma jidhirx illi jaghmel il-karozza mhux tajba ghall-uzu li ghalih hi mahsuba jew li jnaqqas

daqshekk il-valur taghha illi l-attur ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar li kieku kien jaf bih.

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta biex troddlu lura s-somma ta' hamsa u erbghin elf lira (Lm45,000) prezz mhallas mill-attur lis-socjeta' konvenuta tal-imsemmija karozza.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta' Novembru 2007.

Rat ir-risposta guramentata ta' Auto Sales Limited datata 27 ta' Lulju 2007 a fol 10 tal-process fejn Dr. Philip Manduca bil-gurament tieghu espona illi:-

1. Ma jirrizultax li fid-data tal-bejgh, il-vettura in kwistjoni kienet milquta mid-difett latenti kif allegat.

2. Fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel risposta, r-rikorrenti mhux intitolat ghal ebda nteressi.

3. Illi minghajr pregudizzju jekk din l-Onorabbli Qorti taccetta li hemm difetti latenti skond il-ligi ghandu jigi konsidrat l-uzu li ghamel ir-rikorrent mill-mument tal-bejgh.

4. Illi minghajr pregudizzju r-rikorrent ma jistax jitlob li jiehu lura l-ammont ta' Lm45,000 (hamsa u erbghin elf lira) ghaliex mhux minnu li hu xtara l-vettura in-kwistjoni ghal Lm45,000.

5. B'riserva ta' kull difiza u rimedju iehor, inkluz il-kjamata in kawza tal-manifattur tal-vettura in kwistjoni, jekk ikun il-kaz.

6. Bl-ispejjez.

FATTI

7. Illi s-socjeta' ntimata ma taqbilx mal-ewwel paragrafu tar-rikors. Illi fil-fatt ir-rikorrent l-ewwel kien xtara Mercedes ghal ammont ta' Lm33,000 f'Settembru 1999. Illi f'Lulju 2003 r-rikorrent gab din il-vettura ghand is-socjeta' ntimata u nstab li kien hemm "*corrosion".* Illi gie nnotat li l-vettura kienet involuta f'incident u bieba tal-vettura ma kienitx "*an original Mercedes part*". Minkejja dan, is-socjeta' ntimata kienet accettat li ikun hemm "*trade in*" u r-rikorrent ha l-vettura l-gdida in kwistjoni (KBF914). Illi r-rikorrent kien accetta li jhallas Lm8,500 ghal fatt li kien ilu juza l-ewwel vettura liema vettura kellha xi 40,000 kilometru u kien accetta li jhallas Lm1,585 ghal "*options*" fil-vettura gdida. Meta nghata l-vettura in kwistjoni r-rikkorent hallas Lm10,595. Ir-rikorrent ried "option" fil-vettura gdida liema option inghata lilu bil-prezz ta' Lm500 minflok il-prezz normali ta' Lm900.

8. Fir-rigward tat-tieni paragrafu tar-rikors promutur, is-socjeta' ntimata taqbel illi l-vettura ngabet ghas-*service* fis-26 ta' Frar 2007, madankollu ma tistax tikkonferma meta kien illi r-rikorrent induna bil-bziezaq zghar (qisu ramel taht l-*ispray*) fil-vettura tieghu. Dawn il-bziezaq kienu mifruxa fir-*"roof gutter, bonnet, boot lid, centre panel u roof trim".*

9. Is-socjeta' ntimata ma taqbilx ma dak imnizzel fit-tielet paragrafu stante li l-vettura mhix milquta minn difett latenti.

10. Is-socjeta' ntimata tikkonferma dak imnizzel fir-raba' paragrafu. Wara din l-ittra giet irrangata laqgha bejn il-partijiet izda ma ntlahaq ebda ftehim.

11. Is-socjeta' ntimata taqbel li saru xi diskussjonijiet, madankollu dawn saru minghajr pregudizzju. Huwa minnu li s-socjeta' ntimata accettat li tara x'kien hemm bzonn isir fil-pjanci u l-vettura tigi sprejjata mill-gdid u dan minghajr ebda pregudizzju jew amissjoni da parti taghha li l-vettura

kienet fil-fatt milquta minn difett fil-pjanci kif allegat mir-rikorrent fil-hames paragrafu tar-rikors guramentat.

12. Is-socjeta’ ntimata tikkonferma li tinsab notifikata b’cedola ta’ depozitu 822/2007 u ghaldaqstant tinsab mgharrfa li l-vettura giet depozitata taht l-awtorita’ ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-lista tax-xhieda flimkien mad-dokument esebit a fol 11 sa fol 14 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-07 ta’ Novembru 2007 fejn fuq suggeriment tal-partijiet il-Qorti nominat l-Espert Tekniku Profs Maurice Grech bl-assistenza tal-Perit Legali Dr. Marco Ciliberti, kollox a spejjez provizorjament attrici sabiex jirrelattaw dwar it-talbiet attrici wara li jiehdu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta. Inghata digriet sabiex ix-xhieda tal-partijiet tigi prodotta bl-affidavits fit-temini hemm indikati u wara nghataw direzzjonijiet sabiex il-Periti Gudizzjarji jiffissaw seduti ghall-konkluzzjoni provi tal-partijiet.

Rat in-nota tal-attur Alfred Fenech datata 14 ta’ Dicembru 2007 a fol 20 tal-process fejn biha prezenta l-affidavit tieghu.

Rat in-nota ta’ Auto Sales Limited datata 25 ta’ Frar 2008 a fol 31 tal-process li biha esebiet affidavit ta’ Mario Xuereb.

Rat ir-rikors tal-Perit Legali Dr. Marco Ciliberti datat 18 ta’ Gunju 2008 a fol 38 tal-process fejn talab il-hatra ta’ perit tekniku sostitut; u l-Qorti bid-digriet taghha moghti fid-19 ta’ Gunju 2008 (fol 39) innominat bhala Perit Tekniku, a spejjez provizorjament tal-attur, lil Dr. Stephen Abela.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-9 ta’ Dicembru 2010 a fol 91 tal-process fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u l-attur. Id-difensuri qablu li l-Perit Legali u l-Perit Tekniku kellhom jahilfu r-rapport fir-Registru tal-Qorti b’dan li l-istess rapport kellu jinhalef fl-istess gurnata u l-periti gudizzjarji kellhom jinfurmaw b’dan

lid-difensuri tal-partijiet. Id-difensuri qablu li t-terminu ta' sitt (6) ijiem ghat-talba ta' periti perizjuri jibda jghaddi mid-data tas-seduta li jmiss. Dr. Manduca fi kwalunkwe kaz kien se jinsisti fuq il-hatra ta' periti perizjuri u pprezenta nota f'dan ir-rigward. *In vista* ta' dan id-difensuri kellhom jipprezentaw nota kull wiehed fejn jissuggerixxu persuna teknika kull wiehed minnhom, u jekk il-Qorti tilqa' t-talba sabiex tahtar periti perizjuri, tghaddi biex tinnomina l-istess, u persuna ohra idonea. Id-difensuri kellhom jinfurmaw lil xulxin b'min qed jissuggerixxu. Il-kawza baqghet differita ghall-kontinwazzjoni ghad-9 ta' Frar 2011.

Rat in-nota ta' Auto Sales Limited prezentata *seduta stante* fid-9 ta' Dicembru 2010 a fol 93 tal-process, li biha, billi hasset ruhha aggravata bir-rapport tal-Perit Legali u Perit Tekniku talbet li jigu appuntati periti perizjuri.

Rat in-nota ta' Auto Sales Limited datata 7 ta' Frar 2011 a fol 94 tal-process fejn biha pproponew lil Ing. Victor Galea bhala wiehed mill-periti perizjuri.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Marco Ciliberti flimikien max-xhieda kollha quddiemu prodotta u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Marco Ciliberti u tal-Perit Tekniku l-Inginier Dr. Stephen Abela pprezentat fir-Registru fil-11 ta' Ottubru 2010 u mahluf ir-Registru fit-8 ta' Frar 2011.

Rat in-nota tal-attur Alfred Fenech datata 08 ta' Frar 2011 a fol 128 tal-process li biha ppropona lil Martin Galea bhala wiehed mill-periti addizzjonali.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar 2011 a fol 129 tal-process fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Joseph Zammit Maempel ghall-atturi prezenti u Dr. Philip Manduca ghas-socjeta' konvenuta. Il-Qorti nnominat bhala Periti Perizjuri lil Martin Galea, Victor Galea u l-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea kollox a spejjez provizorjament

tas-socjeta' konvenuta. Il-kawza baqghet differita ghar-rapport tal-Periti Perizjuri ghat-3 ta' Mejju 2011.

Rat ir-rapport tal-Periti Perizjuri (fol 134) pprezentat fis-registru fit-2 ta' Novembru 2011 u mahluf fl-1 ta' Dicembru 2011.

Rat il-verbal tas-16 ta' Frar 2012 a fol 142 tal-process fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Zammit Maempel ghall-attur prezenti li nforma l-Qorti li r-rapport hu mahluf. Il-Qorti giet infurmata li Dr. Philip Manduca kien jinsab maqbud b'xoghol urgenti u b'hekk kien indispost, pero' talab jaghmel nota ta' kritika. Il-Qorti taghtu erbghin (40) gurnata bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu erbghin (40) gurnata zmien biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett t'ostakolu ghat-30 t'Ottubru 2012.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet datata 03 ta' Mejju 2012 a fol 143 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi fil-kawza odjerna jirrizulta li f'Lulju 2003 l-attur kien xtara il-karozza tal-marka Mercedes Benz E270CDI Reg. No, KBF 914 minghand is-socjeta' konvenuta. Fis-sena 2007 innota tracci ta' dak li huwa sejjah bhala sadid u ressaq l-ilment tieghu lis-socjeta' konvenuta fis-26 ta' Frar 2007 meta l-vettura ddahlet ghas-*service*. Is-socjeta' konvenuta offriet li ssewwi l-vettura u dan billi jigu mibdula l-partijiet hekk affetti u mbaghad il-karozza tieghu mizbugha kollha kemm hi. L-attur m'accettax din l-offerta

u l-kontestazzjoni principali hija li l-vettura ma kienitx affetta minn difett latenti fid-data tal-bejgh.

Illi mir-relazzjoni teknika jirrizulta li l-karozza kienet effetta f'diversi bnadi b'*corrosion* kif jirrizulta mir-rapport tekniku ta' l-Ingineer Dr. Stephen Abela (fol. 115 et sequitur tal-process) u kien ghalhekk li saru serji ta' *coating thickness tests* u minn dan hemm l-konsiderazzjonijiet indikati taht it-tema "Discussion" fl-istess rapport (fol. 124 – 125) u l-konkluzzjonijiet huma fis-sens li *"the vehicle is not coated to expected standards and hence will degrade further due to insufficient protection"* (fol. 126) u fil-fatt l-istess rapport jindika b'mod mill-iktar kategoriku li z-zebgha uzata kienet difettuza u dan b'rizultat ta' *"incorrect paint preparation and application techniques"* u li dan id-difett kien ser ikompli jiggrava u kien jezisti mill-ewwel fil-mument tal-bejgh tal-istess vettura proprju minhabba li l-karozza kienet hekk ikkonsenjata lill-attur b'dan id-difett li kien jikkonsisti fi hxuna ta' spray li mhux adatta u li tikkawza sadid fil-partijiet tal-hadid u aluminium, li ma setghax jinduna bihom l-attur, tant li espert tal-mettallurgija kien jehtieg apparat sabiex bih ikejjel l-hxuna taz-zebgha u jasal ghal konkluzzjonijiet li wasal ghalihom f'dan ir-rapport u din il-Qorti taghmel riferenza ghal tali rapport tekniku u anke legali f'dan ir-rigward.

Illi dan gie ikkonfermat mir-rapport tal-Periti Perizjuri datat 2 ta' Novembru 2011 fejn jirrizulta bl-aktar mod enfattiku li tali konkluzzjonijiet ikkonfermaw ir-rizultanzi tal-ewwel rapport u l-konkluzzjoni hija fis-sens li l-istess vettura kienet affetta minn difett latenti fil-mument tal-bejgh (fol. 134 sa 138) u allura din il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghall-istess rapport tal-periti perizjuri.

Illi f'dan il-kuntest ma hemm l-ebda dubju li l-elementi ta' l-azzjoni rediborja gew sodisfatti ghaliex jirrizulta li (i) li hemm vizzju tal-oggett mixtri u li tali difett kien mohbi; (ii) li dan il-vizzju kien wiehed serju u ta' certu gravita'; (iii) li kien pre-ezistenti ghal bejgh jew ezistenti fil-mument tal-bejgh **("Emanuel Fava vs Profs. John Mamo et nomine"** P.A. (PS) – 3 ta' Ottubru 2003); **"Helen**

**Micallef vs Godfrey Debattista et”** (P.A. (JRM) – 27 ta’ Ottubru 2005).

Illi fil-fatt id-difett huwa tant gravi li ma hemmx dubju li kieku l-attur kien jaf b’tali difett huwa ma’ kienx ser jixtri tali karozza ghaliex id-difett huwa wiehed gravi (**“Mario Debono et Anthony Portelli et”** (P.A. – 16 ta’ Ottubru 1999); (**“Av. Dr. Anton Felice et vs Aplan Limited”** (A.I.C. (PS) – 12 ta’ Jannar 2005) u huwa mmaterjali li din tkun tista’ tissewwa ghaliex min ihallas prezz gust ma ghandhux jigi kostrett jikkuntenta ruhu b’haga imsewwija iktar u iktar meta qed titkellmu fuq xi haga li ghandha prezz sostanzjali jew konsiderevoli. Id-difett kien mohbi ghaliex ix-xerrej b’diligenza ordinarja u wahda ma setghax jiskopri tali difett (**“Carmelo Schembri vs Salvina Aquilina nomine”** (K – 6 ta’ Novembru 1987).

Illi ma hemm l-ebda dubju li tant huwa serju f’dan il-kaz id-difett li l-attur kieku kien jaf bih ma kienx ser jixtri l-istess vettura li inxtrat bhala gdida u ma hemmx dubju li d-difett huwa wiehed estentiv u li jnaqqas drastikament il-valur tal-istess vettura anke fil-mument tal-bejgh **(“Emanuel Fava vs Profs. John Mamo et nomine”** P.A. (PS) – 3 ta’ Ottubru 2003); **“Helen Micallef vs Godfrey Debattista et”** (P.A. (JRM) – 27 ta’ Ottubru 2005).

Illi mill-provi prodotti, riportati u spjegati magistralment mir-relazzjoni peritali f’pagna 13 sa pagna 14 tal-istess (fol. 108 u 109) ma hemm l-ebda dubju li tali difett mir-relazzjonijiet teknici wkoll jirrizulta li kien jezisti fil-mument tal-bejgh u dan ghaliex l-ispray ma kienx tal-hxuna adatta bil-konsegwenza li dan ikkawza sadid fil-partijiet tal-hadid u *corrosion* fil-partijiet tal-aluminium li kienu biss l-esperti b’apparat appositu li ndunaw bihom u ghalhekk l-elementi kollha tal-azzjoni redibitorja gew sodisfatti. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda bl-ispejjez.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni jirrizulta li l-**artikolu 1427 tal-Kap. 16** jipprovdi ghall-hlas lura tal-prezz u fil-verita’ ma setghax ikun mod iehor ghaliex la darba hemm ir-rexxizzjoni tal-kuntratt mela allura kollox jingieb ghall-istat li kien b’mod li jkun hemm *restitutio in integrum.* Izda l-

imghax mitlub ma huwiex kontemplat taht dan l-artikolu, ghaliex jibqa' l-fatt li allura bl-attegjament tas-socjeta' konvenuta, li allura ma akkordatx lill-attur dak li kien jispetta lilu skond il-ligi, hija zammet il-flus ghandha meta hija kellha obbligu li tirrifondihom, minhabba li dak minnha ikkonsenjat kien affett minn difett latenti u allura ghandu jiddekorri l-imghax fuq is-sorte almenu mid-data tan-notifika tal-azzjoni attrici lis-socjeta' konvenuta li f'dan il-kaz kien mill-11 ta' Lulju 2007 ( a tergo ta' fol. 7). Din ma hijiex dipendenti fuq il-*mala fede* o meno, izda mill-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tosserva l-obbligi taghha u ma rrifonditx il-prezz lill-attur meta kienet interpellata taghmel dan. B'hekk anke din it-tieni eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi dwar it-tielet eccezzjoni fejn jinghad li ghandu jigi kkunsidrat l-uzu li ghamel ir-rikorrenti mill-vettura mill-mument tal-bejgh jinghad li l-Ligi ma tipprovdi xejn dwar dan fl-artikolu 1427 tal-Kap. 16 u kull ma hemm stipulat huwa biss li ghandu jkun hemm rifuzzjoni tal-prezz f'dan il-kaz. B'hekk din it-tielet eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi dwar ir-raba' eccezzjoni fejn qed jigi kkontestat x'kien il-prezz tal-istess vettura jinghad li din il-karozza kienet tpartet ma' karozza li l-valur taghha kien ta' Lm33,000. Ma dan l-attur hallas is-somma ta' Lm8,500 talli kien uza l-ewwel vettura ghal xi 40,000 km; ma dan l-attur hallas ukoll is-somma ta' Lm1,585 ghal *"optional extras"* u Lm500 ghal *optional extra* u b'hekk l-ammont totali huwa dak ta' Lm43,585 ekwivalenti ghal €101,525.74. B'hekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha ghal dan l-ammont.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta guramentata datata 27 ta' Lulju 2007 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Il-Qorti tistabbilixxi u tiddikjara li fid-data tal-bejgh il-karozza Mercedez Benz Class E, numru ta’ registrazzjoni KBF 014 kellha difett li ma jidhirx illi jaghmel il-karozza mhux tajba ghall-uzu li ghalih hi mahsuba jew li jnaqqas daqshekk il-valur taghha illi l-attur ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar li kieku kien jaf bih.

2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta biex troddlu lura s-somma ta’ mija u elf, hames mija u hamsa u ghoxrin Ewro u erbgha u sebghin centezmu ta’ l-Ewro (€101,525.74) ekwivalenti ghall-ammont ta’ tlieta u erbghin elf, hames mija u hamsa u tmenin Lira Maltija (Lm43,585) rappresentanti prezz mhallas mill-attur lis-socjeta’ konvenuta tal-imsemmija karozza.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-11 ta’ Lulju 2007 sal-effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------